MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Numru 65/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bugeja**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Bugeja talli f'Ghawdex nhar il-Hadd **24 ta' Ottubru 2004** meta kien ordnat mill-Qorti b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja datat 18 ta' Ottubru 2001 fejn dik il-qorti kienet ordnat li martu Miriam Bugeja ghandha jkollha l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Charlon bejn il-Hadd filghaxija sal-Gimgha wara nofs in-nhar, irrifjuta li jirritorna lura lill-minuri Charlon lill-martu mighajr raguni xierqa, bi ksur ta' l-Artikolu 338(*ll*) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-10 ta' Marzu 2005 li permezz taghha dik il-qorti illiberat lill-

imsemmi Joseph Bugeja minn din l-imputazzjoni wara li waslet ghall-konkluzzjoni li “fl-24 ta’ Ottubru 2004 [hu] ma kienx marbut bid-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati Gurisdizzjoni Volontarja nhar it-18 ta’ Ottubru 2001”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ippresentat fit-18 ta’ Marzu 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Settembru 2005; ikkunsidrat:

A skans ta’ ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Bugeja*** (Appell nru 66/05); u ghall-istess motivi moghtija f’dik is-sentenza, li japplikaw *mutatis mutandis* ghal dana l-appell, tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------